Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,836, 7 ta' Settembru, 1999
Taqsima B

A.L. 156 ta' l-1999

ATT TA' L-1999 DWAR SELF LOKALI
(ATT NRU. III TA' L-1999)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI
(*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI)
(KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi
għall-Ħruġ ta' Lm4,000,000 addizzjonali
6.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019
(L-EWWEL ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-1999 dwar Self Lokali, u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ addizzjonali ta' Lm4,000,000 6.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (I) mal-Lm40,000,000 6.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (I) maħruġin permezz ta' l-Avviż Legali Nru. 135 ta' l-1999 ippubblikat fit-3 ta' Awissu, 1999, sabiex b'hekk l-ammont totali ta' 6.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (I) jiżdied għal Lm44,000,000.